MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1307/2005

**David Ellis (ID. 418390 M) bhala Bursar fl-isem u fl-interess tal-Kullegg St. Edwards.**

**Vs**

**Joseph Grech u Stephanie Manfre**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tat-talba fejn jghid li l-konvenuti huma debituri tal-attur nomine fis-somma ta' tlett mija tnejn u disghin Liri Maltin (Lm392) rapprezentanti mizati ta' term billi l-konvenuti naqsu milli jaghtu preavviz mehtieg skond l-artikolu 7.1 li t-tifel taghhom mhuwiex ser jattendi l-istess skola izjed.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn jghidu illi t-talba tal-attur nomine hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li l-konvenuti kienu taw avviz lil St Edward’s college li binhom ma kienx se jattendi aktar din l-iskola. Infatti s-somma mitluba mill-attur nomine tirraprezenta mizati ghas-servizzi li ma gewx rezi mill-konvenuti stante li t-tifel tal-konvenuti kien ga waqaf jattendi din l-iskola.

Ra x-xhieda ta’ David Ellis fejn jghid illi dok DE2 hija konferma ta’ accettazzjoni tar-regolamenti mill-konvenuti. Skond Ellis l-konvenuti ma harsux ir-regola 7.1 tar-regolamenti msemmija. Illi skond dawn ir-regolamenti, l-konvenuti kellhom javzaw lill-kullegg sal-31 ta’ Lulju qabel it-term ta’ wara. Jikkonferma illi l-kullegg kien bghat ittra fejn tispjega r-regolamenti f’Awissu tal-2003 lill-genituri kollha.

Fil-kontro ezami Ellis jerga jallega illi skond ir-regolamenti li hargu fl’1996 il-genituri ghandhom javzaw lill-kullegg sad-data tal-31 ta’ Lulju. Illi l-kullegg jibghat ukoll kont fejn l-imsemmija regola tidher fih ukoll. Ellis jghid illi ma kien hemm l-ebda email minghand l-konvenuti qabel il-31 ta’ Lulju u t-22 ta’ Settembru. Illi rigward din l-imsemmija email tkellem mas-Sur Saliba u ccekkjaw mas-Sur Borg. Illi l-konvenuti jallegaw li l’email bghatuha lis-Sur Borg izda dan jichad li rcieviha.

Jikkonferma li s-sur Saliba qallu li kien ircieva telefonata minghand Mrs Grech waqt li kien imsiefer f’Settembru tal-2003. Illi normalment ir-rizultati jintbghatu matul ix-xahar ta’ Lulju. Ellis ikompli jinsisti li n-notice ghandha tintbghat xahrejn qabel, illi kemm qabel u kemm wara li saru amendi fir-regolamenti, iz-zmien tan-notice baqa l-istess. Fl-ahhar jghid illi l-kullegg qieghed jitlob l-ammont ta’ term ghaliex l-istess kullegg ma giex notifikat fiz-zmien kif stipulat fir-regolamenti.

Ra x-xhieda ta’ Stephanie Manfre` fejn tghid illi wara li rcivew ir-rizultat il-konvenuti ddecidew li jibghatu lit-tifel taghhom skola barra. Illi f’Awissu tal-2003 kienet cemplet

lis-surmast izda dan kien imsiefer u qalla biex tibghat email lis-sur Borg. Illi qatt ma rciviet risposta ta l'email.

Tghid illi ma setghux javzaw lill-kullegg xahrejn qabel ghaliex huma kellhom jistennew ir-rizultat. Tinsisti li t-telefonata saret f'Awissu u mhux f'Settembru ghaliex it-tifel beda skola l-Ingilterra fit-2 ta' Settembru.

Illi r-regolamenti tal-iskola huma cari ghall-genituri kollha u l-konvenuti kienu jafu bl-istess regolamenti u fil-fatt ffirmaw il-karta tal-istess regolamenti li ntbaghtet mill-kullegg. Illi l-konvenuti jghidu li riedu jistennew r-rizultati qabel ma jiehdu decisjoni izda dan ma ifissirx li setghu jinjoraw r-regolamenti. Il-konvenuti ma ppruvawx li taw pre-avviz rikjest skond l-istess regolamenti.

Ghaldaqstant jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett mija tnejn u disghin Liri Maltin (Lm392) tlett mija tnejn u disghin Liri Maltin (Lm392 tlett mija tnejn u disghin Liri Maltin (Lm392 tlett mija tnejn u disghin Liri Maltin (Lm392 tlett mija tnejn u disghin Liri Maltin (Lm392 tlett mija tnejn u disghin Liri Maltin (Lm392 tlett mija tnejn u disghin Liri Maltin (Lm392 tlett mija tnejn u disghin Liri Maltin (Lm392 lill-attur bl-ispejjes u bl-imghax mis-26 ta' Frar 2005 kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------